**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 30 ta' Novembru 2016**

**Rikors Guramentat Nru. 119 / 16RGM**

**Kawza fil-lista: 14**

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet datat 13 ta' Gunju 2016 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremetiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena elfejn u erbgha (2004);

4. Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment minhabba tortijiet attribwibbli lil konvenut fosthom abbandun konsegwenza ta' liema z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabilment;

5. Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 668 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi r-rikonenti qed titlob ghal hall taz-zwieg taghha mal-konvenut bl-applikazzjoni tal-artikolu 66 D (3) tal- Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja u tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivarnent lill-intimat fosthom abbandun b' konsegwenza ta' liema z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabilment;

2. Tiffissa manteniment ghall-esponenti personalment skont l-bzonnijiet taghha u l-mezzi u d-dhul ta' zewgha filwaqt li tiddikjara illi bl-agir tieghu l-intimat iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu l-esponenti;

3. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b' effett mis-separazzjoni de facto tal-partijiet, jew b' effett minn data ohra stabilita minn dina l-Onorabbli Qorti u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita' data minn meta l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-propjeta' tal-partijiet u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

4. Tillikwida l-assi parafernali u dawk dotali tal-esponenti u tassenjahom lil-istess esponenti;

5. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha;

6. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimat l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu l6 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi pprezentata fis-26 ta' Lulju 2016;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2016, fejn l-attrici fuq domanda tal-Qorti ddikjarat li ma ghandha l-ebda informazzjoni dwar fejn jirrisjedi l-konvenut assenti ghalhiex l-ahhar kuntatt mieghu kien xi tmien snin qabel, u l-konsulent legali taghha talbet li fis-sentenza jigi stabbilit li r-raguni ghad-divorzju /separazzjoni kienet l-abbandun da parti tal-konvenut li grat fis-sena 2002 (recte 2004, il-partijiet zzewgu fit-2003); gie ddikjarat li l-attrici ma kellhiex aktar provi u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

PROVI.

L-attrici, fir-rikors guramentat taghha pprezentat fil-25 ta' Mejju 2016 iddikjarat li zzewget lill-konvenut D E fit-2 ta' April 2003, li min dan iz-zwieg ma twieldux tfal, li l-partijiet ilhom 'de facto' separati mis-sena 2004, li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment minhabba tortijiet attribwibbli lill-konvenut fosthom l-abbandun. Hi kkonfermat li ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom billi apparti l-fatt li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

L-attrici ddikjarat li dawn ic-cirkostanzi jissodisfaw il-kondizzjonijiet imposti fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghal-ksib ta' divorzju u japplika ukoll l-Artikolu 66D(3) tal-istess Kapitolu 16.

L-attrici, barra id-dikjarazzjoni ta' hall taz-zwieg ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut, talbet il-manteniment, ix-xoljiment, terminazzjoni u divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, r-restituzzjoni ta' beni dotali u parafernali u l-applikazzjoni kontra il-konvenut tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16. L-attrici, pero' ma pprezentat l-ebda prova dwar dawn il-pretensjonijiet. L-unika dokument esebit hu c-certifikat taz-zwieg, Dok A Fol 4, anness mar-rikors promotorju.

Il-konvenuti kuraturi, fir-risposta taghhom ipprezentata fis-26 ta' Lulju 2016, Fol 24, ddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti u rriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f'kas u jekk jigu edotti mill-fatti.

KONSIDERAZZJONIJIET.

L-Artikolu 66B tal-Kodici Civili jelenka l-kondizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju.

Dawn huma li t-talba trid issir miz-zewg partijiet jew wahda minnhom kontra il-parti l-ohra; li l-partijiet ma jkunux ghixu flimkien ghal erba snin qabel jibdew il-proceduri; li l-mizzewgin u uliedhom jkunu qed jircevu manteniment adegwat, fejn hu dovut.

Skont l-artikolu 66D (3) tal-Kapitolu 16 fejn il-partijiet ma jkunux separati b'kuntratt jew sentenza tal-Qorti, il-persuna li tkun qed taghamel it-talba, flimkien mal-istess talba ghall-hall taz-zwieg, tista tressaq it-talbiet kollha li jsiru f'kawza ta' separazzjoni personali u l-Qorti tisma u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif mahsub fid-disposizzjonijiet imsemmija 'mutatis mutandis'.

Jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' April 2003, li ma kellhomx tfal u li l-konvenut abbanduna lill-attrici fis-sena 2004. L-attrici ddikjarat li ma ghandha l-ebda informazzjoni fejn jirrisjedi l-konvenut billi l-ahhar kuntatt sar aktar minn tmien snin ilu.

Mic-certifikat taz-zwieg jirrizulta li l-konvenut twieled fis-Syria fl-1 ta' Ottubru 1979, izzewweg lill-attrici fit-2 ta' April 2003 u skont l-attrici abbandunaha fis-sena 2004.

Fil-kas in ezami dak ikkonfermat mill-attrici ma gie b'ebda mod ikkontestat mill-kontroparti, ghalhekk l-ewwel talba attrici li z-zwieg tkisser kagun tal-abbandun da parti tal-konvenuttimmerita konsiderazzjoni favorevoli.

Fir-rigward tat-talbiet l-ohra, l-attrici ma resqet l-ebda provid dwar assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti. Lanqas resqet provi dwar it-talba taghha ghall-manteniment. Ghaldaqstant filwaqt li l-Qorti ser tilqa' t-tallba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti; qed tiddikjara illi ma hemmx assi tal-komunjoni x'jigu diviz u lanqas assi parafernali x'jigu assenjati.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi deputati ghall-assenti;

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara l-hall taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti li kien gie ccelebrat fit-2 ta' April 2003. Tiddikjara li z-zwieg tal-partijiet tkisser tort tal-konvenut assenti in kwantu abbanduna lill-attrici minghajr l-ebda raguni valida. Tiddikjara wkoll illi z-zwieg tkissier b'effett mit-2 ta' April 2004.

2. Tilqa' parzjalment it-tieni talba attrici u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob manteniment minghand l-attrici filwaqt li tichad it-talba tal-attrici sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha manteniment.

3. Tilqa' parzjalment it-tielet talba attrici. Tordna t-terminazzjoni u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet. Tiddikjara illi l-konvenut m'ghandux dritt jibbenefika mid-dhul tal-attrici b'effett mit-2 ta' April 2004 'il quddiem. Tiddikjara illi ma hemmx assi komuni x'jigu divizi.

4. Tichad ir-raba' u l-hames talbiet attrici minhabba insufficjenza ta' provi.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut D E b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghall-assenti ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**